MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 230/2011

Rikors Numru 230/11 FDP

fl-ismijet

**Joseph Farrugia**
**(ID 520036M)**

**vs**

**Saviour sive Salvu Zahra u martu Maria Zahra**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-14 ta' Lulju 2011 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuh is-somma ta' hamest elef, erbgha mija u erbgha u sebghin euro u zewgt centezmi (€5,474.02) rappresentanti l-bilanc ta' somma akbar mislufa lill-konvenuti mir-rikorrent.

Rat ir-risposta ta' l-intimati illi biha laqghu ghal dak mitlub billi sahqu illi t-talba hija preskritta bit-trapass tal-periodu ta' hames snin a tenur ta' l-artikolu 2156 (e) tal-Kap 16 filwaqt illi insistew illi t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Saviour Zahra** moghtija fil 25 ta' Novembru 2011.

Semghet ix-xhieda ta' **Romwald Attard**, rappresentant tal-Bank of Valletta plc, moghtija fl-10 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda tax-xhieda ta' l-attur **Joseph Farrugia** moghtija fl-14 ta' Ottubru 2013.

Rat id-dokumentazzjoni esebita minn Joseph Farrugia fis-seduta ta' l-14 ta' Frar 2014.

Semghet il-kontro ezami ta' l-attur **Joseph Farrugia** moghtija fit 30 ta' Gunju 2014.

Rat illi fis-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2014, il-Qorti iddikjarat il-provi kollha maghluqa u ddifferiet il-kawza ghal finali trattazzjoni.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 saret il-finali trattazzjoni da parte tar-rikorrenti, wara liema data il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat kien impjegat mar-rikorrent fl-intrapriza illi huwa kellu bl-isem Farrugia Enterprises ghal aktar minn erbghin sena. L-intimat kien jiehu hsieb jamministra l-istores ta' l-intimat u kien anke jaghmel il-konsenji kollha necessarji.

Jirrizulta illi, mument minnhom, l-intimat kellu ammont ta' flus migbura ghar-rikorrent illi ma inghaddewx lir-rikorrent u il-partijiet kienu ftehmu li l-intimat kellu jroddhomlu lura bi hlasijiet mensili. Jidher illi dana kien gia sehh fil-passat u il-kwistjoni kienet giet rizolta b'din it-tip ta' soluzzjoni.

Jirrizulta illi l-ammont dovut mill-intimat kien fl-import ta' hamest elef u hames mitt Liri Maltin (Lm5,500).

Bi ftehim verbali illi sar bejn il-partijiet, mis-6 ta' Frar 2004 bdew isiru pagamenti mensili ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) da' parte ta' l-intimat u kull darba l-intimat kien jiffirma fuq dokument illi kien statement fil-pussess tar-rikorrent li kien jindika l-pagamenti kollha dovuti, liema statement gie ippresentat mir-rikorrent a fol 49 tal-process.

Tali pagamenti bdew regolarment jitnaqqsulu mill-paga tieghu kif ukoll minn pagamenti ohra illi kienu lilu dovuti.

Eventwalment, madankollu, fis sena 2006, l-intimat tkecca mill-impjieg tieghu mas-socjeta tat-tfal tar-rikorrent illi kienu hadu it-tmexxija ta' l-intrapriza tar-rikorrent u li maghhom huwa beda jahdem meta ir-rikorrent refa mix-xoghol.

L-intimat mexxa kontra is-socjeta li kienet qed tinpjegah, Farrugia Lighting and Interiors, quddiem it-Tribunal Industrijali, u gie dikjarat li t-tkeccija tieghu kienet wahda ingusta. Nelfrattemp, jirrizulta illi l-bilanc dovut lir-rikorrent ma thallasx.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess intimat, kif minnu ammess, illi huwa minnu li l-intimat kellu jaghti xi flus lir-rikorrenti illi kienu jammontaw ghall-bilanc tas-somma attwalment dovuta mill-intimat lir-rikorrent. L-intimat, madanakollu stqarr illi r-rikorrent kien hadu il-Bank

sabiex l-intimat jinghata facilita' bankarja li biha jkun jista jhallas lir-rikorrent il-bilanc filwaqt illi jhallas ratealment il-bilanc direttament lill-Bank.

Jirrizulta, madanakollu, illi ghalkemm kien minnu illi r-rikorrent kien ha lill-intimat il-Bank sabiex jottjeni tali finanzjament, huwa ma inghatax tali finanzjament mill-Bank, kif konfermat mill-Bank stess, u ghalhekk baqa jaghmel il-pagamenti direttament lir-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Wahda mid-difizi mqajjma mill-intimat kienet illi s-somma mitluba kienet attwalment preskritta u ghalhekk ma kienetx dovuta.

Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi l-intimat qatt ma innega li kien hemm somma dovuta lir-rikorrent u infatti, fix-xhieda quddiem dina l-Qorti stess fil-25 ta' Novembru 2011, waqt xhieda tieghu in ezami, huwa ammetta illi kellu jaghti ammont ta' flus lir-rikorrent, izda ma kienx cert kemm peress illi l-ammont original kien bejn hamsa u sitt elef Liri Maltin u kien gia hallas ammont minnhom.

Il-Qorti ukoll ma tistax ma tosservax ukoll illi, skond ix-xhieda tar-rikorrent mogthija fl 14 ta' Ottubru 2013 u fit 30 ta' Gunju 2014, l-intimat kien trabba mar-rikorrent minn meta kien zghir u ghalhekk kien dispost illi jaccetta li l-intimat ihallsu bil-mod l-ammont lilu dovut, u sahansitra stenna kemm seta sabiex jghin lill-intimat izda, wara li gie deciz illi t-tkeccija ta' l-intimat abbazi ta' allegazzjonjiet ta' serq kienet wahda ingusta, huwa ma kienx dispost jaccetta li ma jigborx dak lilu dovut.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, abbazi tal-provi prodotti, ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi l-intimat kien ghad fadallu bilanc dovut lir-rikorrent tas-somma originalment mithiema ta' hamest elef u hames mitt Liri Maltin, liema bilanc, skond id-dokumentazzjoni esebita, jammonta ghal elfejn tlett mija u hamsin Liri maltin (Lm2,350).

Il-Qorti tosserva ukoll illi l-intimat ma kienx f'pusizzjoni illi jikkontesta tali bilanc dovut, kemm in vista tal-fatt illi huwa ma kienx izomm rendikont tal-hlaisjiet li kien jaghmel kif ukoll in vista tal-fatt illi kien jaf li kellu bilanc dovut, izda kemm ma kienx cert.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi fliet il-provi kollha prodotti u sermghet ix-xhieda mressqa quddiemha

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-intimat u ghalhekk

**Tilqa** it-talbiet attrici kolllha u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' hamest elef, erbgha mija u erbgha u sebghin euro u zewgt centezmi (€5,474.02) kif ahjar deskritt fl-avviz

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru 2070/11, u bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kontra il-konvenuti in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------